MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 4(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2011, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Organizzar tas-Suq għal Jum San Girgor
6. Servizzi tal-*Green Wardens*
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 3(2011) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para. 6.1 (kopji tad-DVDs tal-Proġett "Aphrodite"), il-Kunsill qabel li dawn id-DVDs kellhom ikollhom *cover* li jinkludi informazzjoni dwar il-proġett u il-*Logo* tal-Aphrodite Thematic Network.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-GRTU talbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar l-organizzar u s-sit fejn kellu jarma s-suq ta' fost il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li dan is-suq għandu jarma fil-pjazza ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin u mal-*promenade* sat-tielet palma inti u sejjer lejn "Ir-Rizzu Restaurant". Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill-Perit Zerafa Boffa tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali jfassal pjanta ta' kif għandhom jitqassmu l-posti tal-bejjiegħa tas-suq f'din l-area.

**4.3** Is-Sur Edward Azzopardi kien reġa' lmenta minħabba li l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu f'Triq Bir Rikka kienet għada qatt ma saret. Għal kemm dan ix-xogħol kien l-obbligu ta' min kien bena l-post, il-Kunsill qabel li jqabbad il-ħaddiema assenjati sabiex jagħmlu din il-biċċa bankina.

**4.4** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku u l-Viċi-Sindku li l-Laqgħa għas-Sindki li jmiss se ssir fl-20 u l-21 ta' Mejju 2011 fil-Lukanda Dolmen, il-Qawra. Is-Sindku nfurmah li mhux se jattendi u l-Viċi-Sindku kien se jinfurmah aktar tard jekk setax jattendi.

**5.** **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** L-Inġinier Brian Cauchi tal-Ministeru għar-Riżosi u Affarjiet Rurali kien evalwa ż-żewġ offerti li l-Kunsill kien irċieva għall-*Ground Fountain* fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei; dik ta' AFS Ltd għal €58,514.58 u ta' 4H2o Ltd għal €65,790.90, u kien irrakkomanda l-offerta ta' AFS Ltd. Il-Kunsill, nhar il-Erbgħa, it-23 ta' Marzu 2011, kien qabel unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni u l-offerta ta' AFS Ltd kienet ġiet aċċettata.

**5.2** Fit-23 ta' Marzu 2011, il-UIF Committee tal-MEPA kien informa 'l Kunsill li l-fondi għall-funtana kienu ġew approvati. Is-somma approvata kienet għal mhux aktar minn €59,995.00.

**6.** **Organizzar tas-Suq għal Jum San Girgor**

**6.1** Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit Zerafa Boffa tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali jagħmel pjanta ta' kif għandhom jitqassmu l-posti tal-bejjiegħa f'Jum San Girgor u li l-permessi kellhom jinħarġu bejn il-11 u l-20 ta' April 2011 wara li jkunu ħarġu avviżi fuq il-gazzetti. Il-Kunsill iddeċieda li ma jkun hemm l-ebda vetturi, inklużi kjosks, tul Xatt is-Sajjieda.

**6.2** Il-Kunsill qabel li jerġa' jiltaqa' nhar il-Erbgħa, is-6 ta' April 2011, biex jiffinalizza l-arranġamenti għal Jum San Girgor wara li l-Perit Zerafa Boffa jkun ipprepara l-pjanta mitluba.

**7.** **Servizzi tal-*Green Wardens***

**7.1** Il-Kunsill qabel li jitlob is-servizzi tal-*Green Wardens* bi prova sabiex jara jistax itaffi l-problemi ta' skart li jinħareġ wara l-ħinijiet tal-ġabra u tal-iskart li jitħalla madwar il-*Bring-in-sites.*

**8.** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**8.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| ARMS Ltd | Ġnien il-Familja, dawl attwali 24.09.10-21.01.11 | 881.42 |
| ARMS Ltd | 2 Winch Rm, dawl u ilma attwali 02.09.10-21.01.11 | 74.70 |
| ARMS Ltd | 1 Winch Rm, dawl attwali 24.09.10-21.01.11 | 138.74 |
| ARMS Ltd | Winchroom, ilma attwali 24.09.10-21.01.11 | 63.74 |
| ARMS Ltd | 1Winch Rm, dawl u ilma attwali 02.09.10-21.01.11 | 429.87 |

| | | |
|---|---|---|
| ARMS Ltd | Uffiċini, dawl u ilma estimi 16.12.10-11.02.11 | 373.00 |
| Allied Newspapers | Avviż tat-tenders | 155.05 |
| Andrew Vassallo | 3 *Cast Iron Gratings, hinged and lockable* | 407.74 |
| Andrew Vassallo | 4 *Manhole Covers* | 118.90 |
| Anġlu Grech | Konkos għal bankina Triq Pompei/Melqart (1274) | 153.40 |
| Asfaltar | OGEM *Patching,* Triq Xrobb l-Għaġin u Delimara | 2150.90 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt wara l-Monti Jan u Frar 11 | 2647.45 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 01.03.11 (No 323303) | 40.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann u petrol 14.03.11 (No 323311) | 62.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 28.03.11 (No 323317) | 51.30 |
| Cleansing Directorate | Latrini Frar 11 | 564.36 |
| Commissioner of Inland Revenue | SSC (parti mħallsa minn min jimpjega) Jan u Frar 11 | 814.41 |
| Commissioner of Police | *Extra Duty* 06.03.11(Karnival) | 86.09 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Frar 11 | 1030.75 |
| F Caruana Brothers | Roti għall-pompa tal-ilma | 56.03 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Jan 11 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Jan 11 | 58.23 |
| GO | 21659555, Frar 11 | 25.95 |
| GO | 21652525, Frar 11 | 215.58 |
| GO | 21650937, Frar 11 | 47.25 |
| GO | 21652392, Marzu 11 | 17.91 |
| GO | ADSL, Librerija Pubblika - Kera Marzu/April 11 | 23.26 |
| G4S | *Cash-in-transit* Frar 11 | 15.22 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd | *Safety shoes* | 34.30 |
| Honoraria | Honoraria tas-Sindku Frar 11 | 525.03 |
| J.J. Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet għall-Karnival | 53.10 |
| Jason Gauci | Gazzetti Marzu 11 | 95.00 |
| John Carabott | VRT tal-vann | 26.32 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | 2 X Ismijiet tat-Toroq, 3 X sinjali *No Entry* | 154.27 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | 5 X sinjali *No Entry* | 285.00 |
| Leon Promotions | Kiri u trasport ta' sett *Grottesquemasks* | 330.00 |
| Leon Promotions | Attivitajiet tal-Karnival | 1130.00 |
| Leon Promotions | Attivitajiet tal-Karnival, trasport u *PA System* | 1050.00 |
| Media.Link | Avviż tat-tenders | 68.44 |
| Merlin Library | *Stationery* | 30.00 |
| mita | *Wide Area Connectivity* Jan - Marzu 11 | 416.85 |
| Nexos Street Lighting | 2 *Floodlights, shifting of lantern to new location* | 451.00 |
| Ronald Bezzina Bulky Refuse Services | Bulky Refuse Frar 11 | 162.00 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Kenniesa Frar 11 | 1781.25 |
| Salarji | Impjegati u Segretarju Eżekuttiv Frar 11 | 4537.81 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni - Bankina Triq tas-Silġ | 106.24 |
| Sigma | Żebgħa tat-toroq bajda u safra | 118.00 |
| Silvercraft | Tank tal-*fibreglass* 1.5m X 3.2m għall-funtana | 2124.00 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 143.18 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 29.28 |
| Smart Office Supplies | *Photocopy paper* | 111.51 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 06.03.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 13.03.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 20.03.11 | 47.52 |

| | | |
|---|---|---|
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 27.03.11 | 47.52 |
| WasteServ | *Landfill charges* Jan 11 | 1834.83 |
| WasteServ | *Landfill charges* Frar 11 | 1834.83 |
| | **Total** | **€32304.91** |

**8.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**9.** **Affarjiet Oħra**

**9.1** Mal-avviżi li kellhom joħorġu għall-bejjiegħa f'Jum San Girgor, kellhom ukoll jinħarġu avviżi biex jitneħħew il-karrijiet u inġenji oħra mitluqa' fil-Magħluq u postijiet oħra madwar ir-raħal.

**9.2** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ mil-laqgħa sabiex jiddiskuti x'se jiġri jekk is-Sur Restall jirtira meta jagħlaq il-61 sena fl-1 ta' Settembru 2011. Meta l-Kunsill reġa' sejjaħlu jidħol, hu ġie nfurmat li l-Kunsill kien qabel unanimanent li, jekk jaċċetta s-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill jagħmel talba lid-Direttur (Gvern Lokali) sabiex is-Sur Restall jibqa' mal-Kunsill għal sena oħra. Dan minħabba li l-elezzjoni tal-Kunsilli se ssir f'inqas minn sena u l-Kunsill ma xtaqx li jkun hemm ċaqliq la qabel jew preċiż wara l-elezzjoni li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill u aċċetta li ssir it-talba.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**